Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005607/2015
lill-Kunsill
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura
Miriam Dalli (S&D)

Suġġett: Il-protezzjoni ta' informaturi

Sa mill-1 ta' Jannar 2014, l-istituzzjonijiet kollha kienu meħtieġa jintroduċu regoli dwar il-protezzjoni ta' informaturi, l-aċċess tagħhom għal informazzjoni u l-proċedura biex jindirizzaw ilmenti minn informaturi dwar it-trattament li rċevew.

Reċentement, l-Ombudsman Ewropew esprimiet id-diżappunt tagħha li s'issa żewġ istituzzjonijiet Ewropej biss minn disgħa implimentaw regoli interni biex jipproteġu lill-informaturi, fatt li ilu obbligatorju minn Jannar 2014. Istituzzjoni li m'għandhiex dawn il-mekkaniżmi fis-seħħ hija l-Kunsill.

1. Hemm xi raġuni għalfejn il-Kunsill għadu ma implimentax regoli interni biex jipproteġi lill-informaturi?

2. Il-kumitat interistituzzjonali li qed jiddiskuti jekk l-istituzzjonijiet jistgħux jadottaw approċċ komuni għall-obbligi tagħhom f'dan il-qasam poġġa xi pressjoni fuq il-Kunsill biex jistabbilixxi protezzjoni fuq l-informaturi?

3. Kien hemm każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni fil-Kunsill fejn ingħatat protezzjoni minkejja n-nuqqas ta' regoli interni għal din il-protezzjoni?